# Il-Karta tal-Eżami Annwali tas-7ba' u t-8ien Sena | Il-Malti | Ġunju 2025

Gwida ta' kif tista' tkun imfassla l-karta tal-eżami tas-7ba' u t-8ien sena.

L-eżami tas-7ba' u t-8ien Sena jinqasam fi tliet sessjonijiet:

1. Il-karta tal-oral; 2. Is-smigħ; 3. Il-karta tal-qari u tal-kitba.

It-tqassim tal-marki hu bbażat fuq l-idea li l-oqsma jingħataw l-istess piż bħalma jiġri fl-eżami taċ-ĊES.

| | Taqsima | Marki |
|---|---|---|
| 1 | Taħdit | **10 marki** |
| 2 | Smigħ | **10 marki** |
| 3 | Kitba | **20 marka** |
| 4 | Qari | **20 marka** |
| 5 | Metalingwa | **20 marka** |
| 6 | Letteratura | **20 marka** |

## L-oral: It-taħdit u l-qari mgħajjat (10 minuti - 10 marki)

Se jikkonsisti:

i. f'qari ta' paragrafu li jagħżel l-eżaminatur minn test fattwali jew letterarju ta' madwar 100 kelma **(2 marki)**;

ii. tweġib u diskussjoni fuq il-mistoqsijiet marbuta mat-test moqri **(4 marki)**;

iii. diskussjoni fuq tema/argument, li tista' tkun megħjuna bl-użu tal-istampi **(4 marki)**.

L-istudenti jagħżlu bejn żewġ karti u jingħataw ftit ħin ta' preparazzjoni qabel. Huma jistgħu jniżżlu xi noti fuq karta separata pprovduta mill-iskola biex jintużaw waqt il-mistoqsijiet u d-diskussjoni.

## Is-smigħ (kwarta – 10 marki)

Dan l-eżerċizzju jsir fi kwarta. Se jikkonsisti f'rikording ta' silta **waħda** fattwali jew letterarja ta' madwar 300 kelma.

L-istudenti jwieġbu 10 mistoqsijiet ta' tip differenti skont il-kisbiet (mistoqsijiet referenzjali, inferenzjali, ta' fehim, fuq l-idjoma u vokabularju). Jingħataw 3 taħriġiet b'mistoqsijiet varji kull taħriġ. Eż. Taħriġ A - jimlew il-vojt; Taħriġ B - iwieġbu l-mistoqsijiet; Taħriġ Ċ - Jimlew il-vojt.

Ir-rikording ikun biss tat-test u jissemma' darbtejn. Il-mistoqsijiet ma jinqrawx fir-rikording, madankollu l-istudenti jingħataw ftit ħin qabel jibda l-qari tat-test biex jiffamiljarizzaw

ruħhom mal-mistoqsijiet, u jkunu jistgħu jieħdu wkoll xi noti waqt is-smigħ kif ukoll iwieġbu l-mistoqsijiet waqt il-qari.

**Il-qari u l-kitba** (sagħtejn – 80 marka)

**Il-kitba** **(20 marka)**

l-istudenti jingħataw żewġ ġeneri tal-kitba twila minn fejn jagħżlu, b'żewġ titli għal kull ġeneru. L-istudenti jagħżlu u jiktbu fuq **titlu wieħed**;

**L-iskema tal-marki tal-kitba**

| **Kriterji** | **Marki** |
|---|---|
| **Il-ġeneru** | **2 marki** |
| | |
| **Il-kontenut** | **10 marki** |
| Ideat | 5 marki |
| Sekwenza | 2 marki |
| Espressjoni | 3 marki |
| | |
| **Il-metalingwa** | **8 marki** |
| Punteġġjatura | 2 marki |
| Sintassi | 2 marki |
| Ortografija | 2 marki |
| Morfoloġija | 2 marki |

**Il-fehim it-test u l-għarfien il-lingwa** **(20 marka)**

Tingħata silta ta' madwar 350 kelma bil-mistoqsijiet fuqha; mistoqsijiet **(12-il marka)** u għarfien il-lingwa **(8 marki)**.

**Il-metalingwa** **(20 marka)**

Eżerċizzji tal-erba' aspetti tal-metalingwa f'kuntest:
- morfoloġija / grammatika **(10 marki)**
- sintassi **(3 marki)**
- punteġġjatura **(3 marki)**
- ortografija **(4 marki)**

**Il-letteratura** **(20 marka)**
Jingħata taħriġ **wieħed** ta' apprezzament letterarju (unseen text) proża jew poeżija. Jekk is-silta tkun proża ma tridx tkun iżjed minn 300 kelma. F'din it-taqsima jingħataw 7 mistoqsijiet. L-istudenti jwieġbu xi mistoqsijiet li jittrattaw dan li ġej:

- il-kontenut
- ir-referenza għat-test,
- l-interpretazzjoni u l-evalwazzjoni tat-test letterarju,
- il-lingwa figurattiva,
- il-mudelli tal-ħoss u l-mudelli retoriċi,
- il-metrika jew il-prosodija,
- u l-effetti li jinħolqu permezz tagħhom.

F’kull taqsima, l-istudenti jingħataw mistoqsija waħda (l-aħħar waħda) li jridu jagħtu l-fehma u r-reazzjoni tagħhom fit-tul. Jiġifieri hekk:

- Rotta **3** – 7ba’ Sena: 60 kelma; 8ien Sena: 80 kelma
- Rotta **2** – 7ba’ Sena: 50 kelma; 8ien Sena: 60 kelma
- Rotta **1** – 7ba’ Sena: 30 kelma; 8ien Sena: 30 kelma

---